**126. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura matul ix-xhur ta' Frar u Marzu 1989.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis ukoll, isir xogħol biss tal-Gvern.

Illi meta l-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m. u mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri mhux aktar tard mid-9.30 a.m. u l-ħin tal- interruzzjoniji tax-xogħol ikun fil-12.00 a.m.

Illi żewġ seduti jistgħu jinżammu fl-istess ġurnata, waħda fil-għodu u l-oħra wara nofs in-nhar tal-istess ġurnata.

Illi aktar minn stadju wieħed jista' jittieħed fl-istess seduta, fuq kull wieħed mill-Abbozz ta' liġi.

11.02.1989